**188. L-Onor. Michael Farrugia u l-Onor. Noel Farrugia pproponew:**

Billi l-marda tal-Bovine Spongiform Encephalopathy (B.S.E.) ġiet irrapportata f'diversi pajjiżi ta' l-Ewropa;

Billi f'diversi pajjiżi ta' l-Ewropa persuni nstabu li mardu bil-*variant* Creutzfeldt-Jacob Disease (v.C.J.D.) bħala riżultat ta' konsum ta' laħam infettat bil-B.S.E.;

Billi laħam taċ-ċanga jiġi mportat minn diversi pajjiżi Ewropej;

Billi l-konsumatur mhux qed ikun informat biżżejjed fuq il-passi li qed jieħu l-gvern biex jipproteġih;

U fid-dawl tal-ħarsien ta' l-industrija taċ-ċanga lokali;

Billi l-Kumitat Soċjali tal-Kamra tar-Rappreżentanti ma laqax it-talba biex jiddiskuti l-passi li qed jieħu l-gvern ħalli jipproteġi lill-konsumaturi;

Nipproponi li din il-Kamra tar-Rappreżentanti tiddiskuti l-passi li ħa s'issa u li bi ħsiebu jieħu l-gvern ħalli s-saħħa pubblika tkun protetta u tkun imħarsa l-industrija lokali taċ-ċanga.

24.01.2001